



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A9-0418/2023**

8.12.2023

**\*\*\*I**

## **RAPPORT**

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/21/KE dwar il-konformità mar-rekwiżiti tal-Istat tal-bandiera (COM(2023)0272 – C9-0188/2023 – 2023/0172(COD))

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

Rapporteur: Vera Tax

### ***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- \*\*\*III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

### ***Emendi għal abbozz ta' att***

#### **Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

#### **Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ■ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

## WERREJ

### Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	5
NOTA SPJEGATTIVA .....	23
ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM.....	25
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SAJD .....	26
PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI .....	48
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .....	49



## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/21/KE dwar il-konformità mar-rekwiżiti tal-Istat tal-bandiera (COM(2023)0272 – C9-0188/2023 – 2023/0172(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0272),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 100(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0188/2023),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-20 ta' Settembru 2023<sup>1</sup>,
  - wara li kkonsulta l-Komitat tar-Reġjuni,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Komitat għas-Sajd,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Komitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A9-0418/2023),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

### **Emenda 1**

**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 1a (ġdida)**

---

<sup>1</sup> Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(1a)** *Huwa importanti li jitqiesu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien abbord tal-ekwipaġġ u t-taħriġ u l-kwalifiki tal-membri tal-ekwipaġġ, f'konformità mad-Direttiva 2013/54/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1a</sup>, peress li s-saħħa, is-sikurezza, is-sigurtà u l-fattur uman huma interkonnessi mill-qrib u minħabba li huwa ta' importanza kbira li tiġi evitata kwalunkwe ħsara kkawżata minn fatturi umani.*

---

*<sup>1a</sup> Id-Direttiva 2013/54/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar ċerti responsabbiltajiet tal-Istat tal-bandiera għall-konformità mal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu 2006 u l-infurzar tagħha.*

## **Emenda 2**

**Proposta għal direttiva  
Premessa 7a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(7a)** *Sabiex tiġi żgurata l-effettività ta' din id-Direttiva, kull Stat tal-bandiera tal-UE jenħtieġ li jwettaq is-sehem ġust tiegħu ta' spezzjonijiet, proporzjonat mad-daqs u t-tip tal-flotta tiegħu. Għalhekk, jenħtieġ li tiġi stabbilita kwota minima annwali ta' spezzjonijiet ta' mill-inqas 30 % tal-vapuri li jtajru l-bandiera tiegħu għal kull Stat Membru.*

## **Emenda 3**

**Proposta għal direttiva  
Premessa 9**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(9) Jenħtieġ li t-twettiq, wara l-kwalifika, ta' skema armonizzata għall-bini tal-kapaċità mis-surveyors u mill-ispetturi tal-Istat tal-bandiera jiżgura kundizzjonijiet ekwi bejn l-amministrazzjonijiet marittimi u jikkontribwixxi għall-prestazzjoni kwalitattiva tal-vapuri li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru.

*Emenda*

(9) Jenħtieġ li t-twettiq, wara l-kwalifika, ta' skema armonizzata għall-bini tal-kapaċità mis-surveyors u mill-ispetturi tal-Istat tal-bandiera jiżgura kundizzjonijiet ekwi bejn l-amministrazzjonijiet marittimi u jikkontribwixxi għall-prestazzjoni kwalitattiva tal-vapuri li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru. ***Jenħtieġ li l-programm ta' taħriġ żviluppat mill-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) iwassal għall-adozzjoni ta' approċċi armonizzati mis-surveyors u mill-ispetturi kollha tal-Istat tal-bandiera, inkluż l-użu obligatorju ta' ċertifikati elettroniċi mill-Istati Membri kollha sa mhux aktar tard minn tliet snin mid-data ... [tliet snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja].***

**Emenda 4**

**Proposta għal direttiva  
Premessa 11**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(11) L-istabbiliment u l-iżvilupp ta' bażi tad-data li tipprovdi informazzjoni essenzjali, f'format elettroniku dwar vapuri li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru, jenħtieġ li jikkontribwixxu għal skambju msaħħaħ ta' informazzjoni, ikomplu jtejbu t-trasparenza tal-prestazzjoni ta' flotta ta' kwalità għolja u jippermettu monitoraġġ imtejjeb tal-obbligi tal-Istat tal-bandiera biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi bejn l-amministrazzjonijiet marittimi.

*Emenda*

(11) L-istabbiliment u l-iżvilupp ta' bażi tad-data li tipprovdi informazzjoni essenzjali, f'format elettroniku dwar vapuri li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru, jenħtieġ li jikkontribwixxu għal skambju msaħħaħ ta' informazzjoni, ikomplu jtejbu t-trasparenza tal-prestazzjoni ta' flotta ta' kwalità għolja u jippermettu monitoraġġ imtejjeb tal-obbligi tal-Istat tal-bandiera biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi bejn l-amministrazzjonijiet marittimi. ***F'konformità mal-Artikolu 91(1) tal-UNCLOS, irid ikun hemm rabta ġenwina bejn bastiment u l-Istat tal-bandiera tiegħu. Sabiex tipproċedi bl-analiżi korretta tal-bdil tal-bandiera tal-bastimenti u l-użu ta' reġistri miftuħa, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiffaċilita l-kompitu tal-Istati Membri li***

*jiddeterminaw l-eżistenza ta' tali rabta billi tiżviluppa linji gwida. Dawk il-linji gwida jenħtieġ li jistabbilixxu x'jikkostitwixxi rabta ġenwina u l-konsegwenzi tagħha. Fit-tfassil ta' dawk il-linji gwida, jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis ir-rakkomandazzjoni tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar kwistjonijiet ta' Stat tal-bandiera u l-kontribut mill-partijiet ikkonċernati, inklużi dawk mis-settur privat, is-soċjetà ċivili u l-akkademja. Sidien il-vapuri huma obbligati jħallsu l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali skont il-liġi tal-Istat tal-bandiera li jkunu qed itajru, sakemm l-impjegati ma jħallsuhomx skont il-liġi tal-Istat li fih jirrisjedu. Dawk ir-regoli jista' jkollhom konsegwenzi mhux mixtieqa meta jintużaw biex jiġu evitati livelli għoljin ta' kontribuzzjoni.*

## Emenda 5

### Proposta għal direttiva Premessa 14

*Test propost mill-Kummissjoni*

(14) Il-Kummissjoni, **megħjuna mill-Aġenzija** Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>31</sup>, jenħtieġ li tiġi mistiedna u tkun involuta bħala osservatur mill-Istat Membru bħala Stat tal-bandiera li qed jiġi vverifikat għall-fini li tiġi żgurata l-konsistenza bejn il-verifika tal-OMI u l-valutazzjonijiet tal-Kummissjoni, imwettqa mill-EMSA biex tiċċekkja l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-sikurezza marittima permezz tal-iskema ta' żjara u spezzjoni tagħha, f'isem il-Kummissjoni.

<sup>31</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jistabbilixxi l-Aġenzija

*Emenda*

(14) Il-Kummissjoni **u l-Aġenzija** Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>31</sup>, jenħtieġ li tiġi mistiedna u tkun involuta bħala osservatur mill-Istat Membru bħala Stat tal-bandiera li qed jiġi vverifikat għall-fini li tiġi żgurata l-konsistenza bejn il-verifika tal-OMI u l-valutazzjonijiet tal-Kummissjoni, imwettqa mill-EMSA biex tiċċekkja l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-sikurezza marittima permezz tal-iskema ta' żjara u spezzjoni tagħha, f'isem il-Kummissjoni.

<sup>31</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jistabbilixxi l-Aġenzija



## Emenda 6

### Proposta għal direttiva Premessa 14a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(14a) L-involviment tal-Kummissjoni u tal-EMSA fil-verifiki jenħtieġ li jagħmel il-proċess ta' verifika aktar effettiv u komprensiv. Jenħtieġ li jiffaċilita wkoll l-introduzzjoni u l-implimentazzjoni ta' proċeduri simplifikati, inklużi inċentivi għall-konformità mal-istandards ambjentali, soċjali, tas-saħħa pubblika u tal-liġi tax-xogħol u l-istandards li jiżguraw is-sikurezza abbord il-vapuri li jidħlu fil-portijiet tal-Unjoni tal-baħħara, kif ukoll il-possibiltajiet għal sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi, filwaqt li jitqiesu l-liġi ambjentali, tas-saħħa pubblika, tat-taxxa u soċjali.**

## Emenda 7

### Proposta għal direttiva Premessa 15a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(15a) F'koordinazzjoni mal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jippromwovu l-bini tal-kapaċità għal pajjiżi terzi dwar l-ispezzjoni u l-infurzar billi tistabbilixxi kampanji mas-sħab soċjali biex iqajmu kuxjenza dwar id-drittijiet u l-obbligi skont il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu adottata mill-ILO fl-2006 (MLC 2006). Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippromwovi l-istabbiliment min-naħa tal-ILO ta' bażi**

*tad-data tar-riżultati tal-ispezzjonijiet u l-ilmenti, għall-baħħara u l-ħaddiema tal-portijiet, li tiżgura l-preċiżjoni tar-rekords tas-siġhat tax-xogħol u tal-mistrieħ, biex tgħin lill-baħħara u lis-sidien tal-vapuri jfittxu s-servizzi ta' rekrutaġġ u impjeg l-aktar affidabbli u konformi mal-MLC 2006.*

## **Emenda 8**

### **Proposta għal direttiva Premessa 16a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(16a) Jenħtieġ li l-Kummissjoni toħroġ rapport ta' trasparenza bbażat fuq informazzjoni mill-bażi tad-data obbligatorja, li tkun aċċessibbli għall-Istati Membri kollha.*

## **Emenda 9**

### **Proposta għal direttiva Premessa 21**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(21) L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) jenħtieġ li ttiprovdi l-appoġġ meħtieġ biex tiżgura l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/21/KE.

(21) L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) jenħtieġ li ttiprovdi l-appoġġ meħtieġ biex tiżgura l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/21/KE. *It-taħriġ ipprovdut mill-EMSA lill-amministrazzjonijiet tal-Istat tal-bandiera jenħtieġ li jitkompla, jissaħħaħ u jiġi estiż biex ikopri kompletament l-obbligi tal-Istati Membri kif stabbiliti fl-MLC 2006. L-EMSA jenħtieġ li tiffaċilita l-koordinazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni u prattiki tajbin bejn l-amministrazzjonijiet tal-Istat tal-bandiera.*

## **Emenda 10**

## Proposta għal direttiva

### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)

Id-Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 1 – paragrafu 1

#### *Test fis-seħħ*

1. L-għan ta' din id-Direttiva huwa:
- (a) li tiżgura li l-Istati Membri jwettqu l-obbligi tagħhom b' mod effettiv u konsistenti bħala Stati tal-bandiera; u u
- (b) li ttejjeb is-sikurezza u tevita t-tniġġis minn vapuri li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru.

## Emenda 11

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Id-Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 4 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Qabel ma vapur li jkun ingħata d-dritt li jtajjar il-bandiera tiegħu jingħata l-permess li jopera, l-Istat Membru kkonċernat għandu jiżgura li l-vapur inkwistjoni jikkonforma mar-regoli u r-regolamenti internazzjonali applikabbli. B' mod partikolari, għandu jivverifika *r-rekords* tas-sikurezza tal-vapur billi juża r-rapporti u ċ-ċertifikati ta' spezzjoni li jinsabu fil-bażi tad-data *msemmija* fl-Artikolu 6a. Huwa għandu, jekk ikun neċessarju, jikkonsulta mal-Istat tal-bandiera li jkun qed jitlef sabieħ jistabbilixxi jekk kwalunkwe nuqqas pendenti jew kwistjoni ta' sikurezza identifikati minn dan tal-aħħar għadhom mhux solvuti.

#### *Emenda*

#### ***(-1) Fl-Artikolu 1, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:***

- “1. L-għan ta' din id-Direttiva huwa:
- (a) li tiżgura li l-Istati Membri jwettqu l-obbligi tagħhom b' mod effettiv u konsistenti bħala Stati tal-bandiera; u u
- (b) li ttejjeb is-sikurezza, ***inkluża s-sikurezza abbord***, u ***li*** tevita t-tniġġis minn vapuri li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru.”

#### *Emenda*

1. Qabel ma vapur li jkun ingħata d-dritt li jtajjar il-bandiera tiegħu jingħata l-permess li jopera, l-Istat Membru kkonċernat għandu jiżgura li l-vapur inkwistjoni jikkonforma mar-regoli u r-regolamenti internazzjonali applikabbli. B' mod partikolari, għandu ***jwettaq spezzjonijiet abbord u*** jivverifika ***kemm ir-rekords*** tas-sikurezza tal-vapur ***kif ukoll id-dokumentazzjoni li l-iskop tagħha huwa li tiżgura li l-vapur jissodisfa l-istandards ambjentali u soċjali internazzjonali***, billi juża r-rapporti u ċ-ċertifikati ta' spezzjoni li jinsabu fil-bażi tad-data ***għall-ispezzjonijiet imsemmija*** fl-Artikolu 6a. ***Għandu jivverifika wkoll li l-operat tal-vapur jikkonforma mal-konvenzjonijiet internazzjonali ambjentali***

*u tax-xogħol, li jkun konformi mad-Direttiva 2013/54/UE, u li l-ekwipaġġ ikun imħarreġ f'konformità mad-Direttiva 2022/993 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1a</sup>. Huwa għandu, jekk ikun neċessarju, jikkonsulta mal-Istat tal-bandiera li jkun qed jitlef sabiex jistabbilixxi jekk kwalunkwe nuqqas pendenti jew kwistjoni ta' sikurezza identifikati minn dan tal-aħħar għadhom mhux solvuti.*

---

*1a Id-Direttiva (UE) 2022/993 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2022 dwar il-livell minimu ta' taħriġ tal-baħħara (ĠU L 169, 27.6.2022, p. 45).*

## Emenda 12

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**  
Direttiva 2009/21/KE  
Artikolu 4a – paragrafu 3

### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe nuqqas ikkonfermat jew żvelat minn spezzjoni mwettqa f'konformità mal-paragrafu 2(c) jiġi rettifikat.

### *Emenda*

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe nuqqas ikkonfermat jew żvelat minn spezzjoni mwettqa f'konformità mal-paragrafu 2(c) jiġi rettifikat *u li jittieħdu l-miżuri korrettivi kollha meħtieġa li jindirizzaw is-sikurezza kritika fiż-żmien u t-tħassib ambjentali qabel ma l-vapur jipproċedi lejn il-baħar. L-ispezzjonijiet għandhom jiffukaw b'mod partikolari fuq is-sikurezza u l-prestazzjoni ambjentali tal-vapuri kollha li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru, kif ukoll fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ekwipaġġi, inkluża l-preċiżjoni tad-data dwar is-siġhat tax-xogħol u tal-mistrieħ f'konformità mad-Direttiva 2013/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.*

## Emenda 13

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 4b – paragrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. Sabiex tiġi żgurata l-armonizzazzjoni tal-ispezzjonijiet supplimentari tal-Istat tal-bandiera msemmija fl-Artikolu 4a(2)(c), il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta mal-grupp ta' livell għoli dwar kwistjonijiet tal-Istat tal-bandiera msemmi fl-Artikolu 9a(1), għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tiddefinixxi l-miżuri uniformi biex tiddetermina r-rekwiżiti minimi għall-implimentazzjoni tal-obbligi previsti fil-paragrafu 1. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 10(2).”

#### *Emenda*

4. Sabiex tiġi żgurata l-armonizzazzjoni tal-ispezzjonijiet supplimentari tal-Istat tal-bandiera msemmija fl-Artikolu 4a(2)(c), il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta mal-grupp ta' livell għoli dwar kwistjonijiet tal-Istat tal-bandiera msemmi fl-Artikolu 9a(1), għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tiddefinixxi l-miżuri uniformi biex tiddetermina r-rekwiżiti minimi għall-implimentazzjoni tal-obbligi previsti fil-paragrafu 1. ***Dawn ir-rekwiżiti minimi għandhom b'mod partikolari jinkludu kwota minima annwali ta' spezzjonijiet ta' mill-inqas 30 % tal-vapuri li jtajru l-bandiera tiegħu għal kull Stat Membru, proporzjonata mad-daqs u t-tip tal-flotta tiegħu u element kwalitattiv li jqis il-profil tar-riskju tal-vapur li jkun qed jiġi spezzjonat.*** Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 10(2).

## Emenda 14

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 4c – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-Kummissjoni, filwaqt li tfittex il-parir tal-grupp ta' livell għoli dwar kwistjonijiet tal-Istat tal-bandiera msemmi fl-Artikolu 9a(1), għandha tiżviluppa skema komuni għall-bini tal-kapaċità (wara l-kwalifika fil-livell nazzjonali) u

#### *Emenda*

2. Il-Kummissjoni, filwaqt li tfittex il-parir tal-grupp ta' livell għoli dwar kwistjonijiet tal-Istat tal-bandiera msemmi fl-Artikolu 9a(1), għandha tiżviluppa skema komuni għall-bini tal-kapaċità (wara l-kwalifika fil-livell nazzjonali) u

żżommha aġġornata, filwaqt li tqis teknoloġiji ġodda, u fir-rigward ta' obbligi ġodda jew addizzjonali li jirriżultaw mill-istrumenti internazzjonali rilevanti, għas-surveyors u l-ispetturi tal-Istati Membri ***tal-bandiera***.

żżommha aġġornata, filwaqt li tqis teknoloġiji ġodda, u fir-rigward ta' obbligi ġodda jew addizzjonali li jirriżultaw mill-istrumenti internazzjonali rilevanti, għas-surveyors u l-ispetturi ***tal-bandiera tal-Istat*** tal-Istati Membri, ***u tagħti attenzjoni partikolari għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 2013/54/EU***.

## **Emenda 15**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**

Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 4c – paragrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***2a. Il-Kummissjoni, bl-assistenza tal-EMSA, għandha tipproduċi dokument ta' gwida li joffri pariri dwar kif tiġi implimentata d-Direttiva 2013/54/UE. L-EMSA għandha ttiprovdi wkoll informazzjoni dettaljata dwar il-problemi identifikati bl-aktar mod frekwenti matul l-ispezzjonijiet mill-Istat tal-port tal-vapuri taħt kull bandiera, kif ukoll spjegazzjonijiet u kjarifiki rigward id-dokumentazzjoni u ċ-ċertifikati speċifiċi ta' kull Stat tal-bandiera.***

## **Emenda 16**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5**

Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 6 – paragrafu 1 – parti introduttorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tal-anqas l-informazzjoni li ġejja dwar il-vapuri li jtajru l-bandiera tagħhom tinżamm u tkun aċċessibbli f'format elettroniku kompatibbli u interoperabbli mal-bażijiet tad-data tal-

1. ***Iċ-ċertifikati elettroniċi għandhom ikunu obbligatori għall-Istati Membri kollha sa mhux aktar tard minn [iliet snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja].*** L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tal-anqas l-

Unjoni dwar is-sikurezza marittima:

informazzjoni li ġejja dwar il-vapuri li jtajru l-bandiera tagħhom tinżamm u tkun aċċessibbli f'format elettroniku kompatibbli u interoperabbli mal-bażijiet tad-data tal-Unjoni dwar is-sikurezza marittima:

### Emenda 17

#### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5

Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(aa) dettalji tal-arranġamenti tax-xogħol abbord il-vapuri u rekords tas-siġhat tax-xogħol ta' kuljum tal-baħħara kif definiti fid-Direttiva 1999/63/KE.**

### Emenda 18

#### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5

Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt e

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(e) eżitu tal-ispezzjonijiet tal-kontroll mill-Istat tal-port (nuqqasijiet: iva jew le; detenzjonijiet: iva jew le);

(e) eżitu tal-ispezzjonijiet tal-kontroll mill-Istat tal-port (nuqqasijiet: iva jew le; detenzjonijiet: iva jew le; **u, jekk ikun hemm nuqqasijiet jew detenzjonijiet, aktar dettalji kif xieraq**);

### Emenda 19

#### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5

Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

**(ea) ċertifikati statutorji li jikkonfermaw jekk xi nuqqasijiet irrapportati identifikati permezz ta' spezzjonijiet ta' kontroll mill-Istat tal-port ġewx rettifikati;**

## **Emenda 20**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5**

Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 6 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-informazzjoni għandha tiġi kkomunikata lill-bażi tad-data għall-ispezzjonijiet prevista fl-Artikolu 6a. Il-kaptan għandu jingħata wkoll kopja tar-rapport.

*Emenda*

2. L-informazzjoni għandha tiġi kkomunikata lill-bażi tad-data għall-ispezzjonijiet prevista fl-Artikolu 6a, **peress li l-interoperabbiltà tal-bażijiet tad-data tikkontribwixxi għal approċċ armonizzat għar-rapportar u l-kejl tal-prestazzjoni tal-flotta li tkun taħt ir-responsabbiltà tal-Istat tal-bandiera.** Il-kaptan għandu jingħata wkoll kopja tar-rapport.

## **Emenda 21**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**

Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 6a – paragrafu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. L-Istati Membri għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni kollha rreġistrata fil-bażi tad-data għall-ispezzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u s-sistema ta' spezzjoni prevista fid-Direttiva 2009/16/KE. Xejn f'din id-Direttiva ma għandu jipprevjeni l-kondiviżjoni ta' tali informazzjoni bejn l-

*Emenda*

4. L-Istati Membri għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni kollha rreġistrata fil-bażi tad-data għall-ispezzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u s-sistema ta' spezzjoni prevista fid-Direttiva 2009/16/KE. Xejn f'din id-Direttiva ma għandu jipprevjeni l-kondiviżjoni ta' tali informazzjoni bejn l-



awtoritajiet kompetenti rilevanti fi ħdan u bejn l-Istati Membri, mal-Kummissjoni **jew** mal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>36</sup>.

---

<sup>36</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1).

awtoritajiet kompetenti rilevanti fi ħdan u bejn l-Istati Membri, mal-Kummissjoni **u** mal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>36</sup>.

---

<sup>36</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1).

## Emenda 22

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**  
Direttiva 2009/21/KE  
Artikolu 6a – paragrafu 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li **ċ-ċertifikati** Statutorji **msemija** fl-Artikolu 6(1)(b) jiġu trażmessi b'mod elettroniku lill-bażi tad-data għall-ispezzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu bl-użu tal-ispeċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi għal interfaċċa tar-rapportar elettronika armonizzata prevista fl-Artikolu 24a tad-Direttiva 2009/16/KE.

## Emenda 23

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**  
Id-Direttiva 2009/21/KE  
Artikolu 7 – paragrafu 1

*Emenda*

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***l-arranġamenti u r-rekords tax-xogħol abbord il-vapuri rigward is-siġhat tax-xogħol ta' kuljum tal-baħħara jew is-siġhat tal-mistrieħ ta' kuljum tagħhom, f'konformità mad-Direttiva 2013/54/UE, kif ukoll iċ-ċertifikati*** Statutorji, ***imsemija*** fl-Artikolu 6(1), ***il-punti (aa) u (bb)***, jiġu trażmessi b'mod elettroniku lill-bażi tad-data għall-ispezzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu bl-użu tal-ispeċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi għal interfaċċa tar-rapportar elettronika armonizzata prevista fl-Artikolu 24a tad-Direttiva 2009/16/KE.

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jagħmlu l-verifika tal-OMI tal-amministrazzjoni tagħhom mill-inqas darba kull 7 snin, u għandhom jippubblikaw l-eżitu tal-verifika kif ukoll kwalunkwe azzjoni korrettiva fil-bażi tad-data tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar it-Trasport bil-Baħar Integrat u Globali (GISIS) stabbilita mill-OMI. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-istess informazzjoni disponibbli wkoll għall-pubbliku, f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti dwar il-kunfidenzjalità.

**Emenda 24**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**

Id-Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 7 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Kummissjoni, ***assistita mill-EMSA, titħalla tipparteċipa*** bħala ***osservatur*** fil-proċess ta' verifika tal-OMI u, li kwalunkwe rapport tal-Verifika u l-informazzjoni dwar l-azzjoni sussegwenti meħuda jkunu immedjatament disponibbli għall-Kummissjoni.

**Emenda 25**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt a**

Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

Kull Stat Membru għandu jiżgura li persunal ieħor li jassisti fit-twettiq tal-

*Emenda*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jagħmlu l-verifika tal-OMI tal-amministrazzjoni tagħhom mill-inqas darba kull ***ħames*** snin, u għandhom jippubblikaw l-eżitu tal-verifika kif ukoll kwalunkwe azzjoni korrettiva fil-bażi tad-data tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar it-Trasport bil-Baħar Integrat u Globali (GISIS) stabbilita mill-OMI. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-istess informazzjoni disponibbli wkoll għall-pubbliku, f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti dwar il-kunfidenzjalità.

*Emenda*

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Kummissjoni ***u l-EMSA jitħallew jipparteċipaw*** bħala ***osservaturi*** fil-proċess ta' verifika tal-OMI u, li kwalunkwe rapport tal-Verifika u l-informazzjoni dwar l-azzjoni sussegwenti meħuda jkunu immedjatament disponibbli għall-Kummissjoni.

*Emenda*

Kull Stat Membru għandu jiżgura li persunal ieħor li jassisti fit-twettiq tal-

ispezzjonijiet ikollu edukazzjoni, taħriġ u superviżjoni proporzjonati mal-kompiti li huwa awtorizzat iwettaq.

ispezzjonijiet ikollu edukazzjoni, taħriġ u superviżjoni proporzjonati mal-kompiti li huwa awtorizzat iwettaq. ***L-Istati tal-bandiera għandhom jirvedu l-linji gwida pprovduti lill-ispetturi tagħhom, u lil dawk awtorizzati biex jaġixxu f'isimhom, ħalli jkopru l-verifika sistematika tal-preċiżjoni tar-reġistri. It-taħriġ ipprovdut mill-EMSA lill-amministrazzjonijiet tal-Istat tal-bandiera għandu jkopri tali proċeduri ta' verifika u għandu jkun kontinwu, imsaħħa u estiż biex ikopri l-MLC 2006 f'aktar dettall. L-EMSA għandha tiffaċilita wkoll il-koordinazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni u prattiki tajbin bejn l-amministrazzjonijiet tal-Istat tal-bandiera.***

## Emenda 26

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9**  
Id-Direttiva 2009/21/KE  
Artikolu 9

*Test propost mill-Kummissjoni*

(9) l-Artikolu 9 ***jitħassar.***

*Emenda*

(9) L-Artikolu 9 ***huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***“Artikolu 9***

***Rapporti u Rieżami***

***Kull ħames snin, u għall-ewwel darba sa [tliet snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja], il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.***

***Dak ir-rapport għandu jkun fih valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-Istati Membri bħala Stati tal-bandiera u għandu jkun akkumpanjat, fejn xieraq, minn proposta leġiżlattiva għall-emenda ta' din id-Direttiva.”***

## Emenda 27

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10

Id-Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 9a – paragrafu 1 – subparagrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi grupp ta' livell għoli dwar kwistjonijiet tal-Istat tal-bandiera biex jiġu diskussi kwistjonijiet tal-Istat tal-bandiera u biex jiġu ffaċilitati l-iskambji ta' esperjenza bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri, l-esperti u l-ispetturi tal-Istat tal-bandiera, **inklużi, kif xieraq, dawk** mis-settur privat.

#### *Emenda*

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi grupp ta' livell għoli dwar kwistjonijiet tal-Istat tal-bandiera biex jiġu diskussi kwistjonijiet tal-Istat tal-bandiera u biex jiġu ffaċilitati l-iskambji ta' esperjenza bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri, l-esperti u l-ispetturi tal-Istat tal-bandiera, **u l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha** mis-settur privat, **is-soċjetà ċivili u l-akkademja**.

## Emenda 28

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10

Id-Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 9a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-grupp ta' livell għoli dwar kwistjonijiet tal-Istat tal-bandiera għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni, **megħjuna mill-EMSA**.

#### *Emenda*

Il-grupp ta' livell għoli dwar kwistjonijiet tal-Istat tal-bandiera għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni **u l-EMSA**.

## Emenda 29

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10

Id-Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 9a – paragrafu 2 – punt c

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(c) li jassisti lill-Kummissjoni fl-iżvilupp tal-metodu tekniku għal dak li jikkostitwixxi riżorsi xierqa, proporzjonali

#### *Emenda*

(c) li jassisti lill-Kummissjoni fl-iżvilupp tal-metodu tekniku għal dak li jikkostitwixxi riżorsi xierqa, proporzjonali

għad-daqs u t-tip ta' flotta, imsemmi fl-Artikolu 4b;

għad-daqs u t-tip ta' flotta **u n-numru ta' spezzjonijiet li għandhom jitwettqu**, imsemmi fl-Artikolu 4b;

### **Emenda 30**

#### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10**

Id-Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 9b – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi għodda elettronika ta' rapportar għall-finijiet tal-ġbir ta' informazzjoni u data mill-Istati Membri fir-rigward ta' din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jinformaw perjodikament, u tal-anqas darba fis-sena, lill-Kummissjoni, dwar:

#### *Emenda*

**1.** Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi għodda elettronika ta' rapportar għall-finijiet tal-ġbir ta' informazzjoni u data mill-Istati Membri fir-rigward ta' din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jinformaw perjodikament, u tal-anqas darba fis-sena, lill-Kummissjoni, dwar:

### **Emenda 31**

#### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10**

Id-Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 9b - paragrafu 1 – punt a – sottopunt iva (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

**(iva) il-punt sa liema jkun tqies il-profil ta' riskju tal-vapuri fl-istħarriġ, fl-ispezzjonijiet u fil-verifiki mwettqa mill-Istati tal-bandiera;**

### **Emenda 32**

#### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10**

Id-Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 9b - paragrafu 1 – punt a – sottopunt ivb (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(ivb) il-kundizzjonijiet tax-xogħol  
ibbażati fuq ir-rekords tas-sigħat tax-  
xogħol ta' kuljum u s-sigħat tal-mistrieħ  
ta' kuljum tal-baħħara f'konformità mad-  
Direttiva 2013/54/UE tal-Parlament  
Ewropew u tal-Kunsill;***

### **Emenda 33**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10**

Id-Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 9b - paragrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***1a. Il-Kummissjoni għandha toħroġ  
rapport annwali bbażat fuq l-  
informazzjoni miġbura skont il-paragrafu  
1 ta' dan l-Artikolu, li għandu jiġi  
ppubblikat fuq sit web uffiċjali. Wara l-  
pubblikazzjoni tiegħu, il-Kummissjoni  
għandha tippreżenta r-riżultati ta' dak ir-  
rapport lill-Parlament Ewropew u lill-  
Kunsill.***

## NOTA SPJEGATTIVA

Ir-Rapporteur tilqa' l-proposta tal-Kummissjoni biex tirrevedi d-Direttiva 2009/21/KE dwar il-konformità mar-rekwiżiti tal-Istat tal-bandiera. Id-Direttiva għandha ttejjeb il-kwalità tal-ispezzjonijiet tal-vapuri li jtajru l-bandiera tal-UE, tipprevedi sorveljanza aħjar tal-organizzazzjonijiet rikonoxxuti li jwettqu xogħol taħt ir-responsabbiltà ta' Stat tal-bandiera u tistabbilixxi sistema ta' taħriġ aktar armonizzata għall-ispetturi Ewropej. Min-naħa tiegħu, dan għandu jwassal għal infurzar aħjar tar-regoli tas-sikurezza, inqas tniġġis mit-tbajhir u konformità aħjar tal-Istati Membri tal-UE mal-obbligi tagħhom bħala Stati tal-bandiera taħt ir-reġim tal-IMO.

Ir-Rapporteur tappoġġa l-obbligu li jkun hemm sistema ta' ġestjoni tal-kwalità kif ukoll użu aktar mifrux ta' teknoloġiji diġitali moderni, b'mod partikolari fil-qasam taċ-ċertifikati elettroniċi u l-interoperabbiltà tal-bażijiet tad-data tal-EMSA li jistgħu jiġu kkonsultati mill-awtoritajiet tal-istat tal-port Ewropew bi tħejjija għal spezzjoni mill-Istat tal-port ta' vapur li jtajjar bandiera Ewropea.

Ir-Rapporteur temmen li d-diġitalizzazzjoni u l-awtomatizzazzjoni tas-settur marittimu għandhom potenzjal sinifikanti li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tiegħu u jiżvolgħu rwol ewlieni fid-dekarbonizzazzjoni tiegħu, f'konformità mal-ambizzjonijiet tal-Patt Ekoloġiku. Hija konvinta wkoll li sabiex tiġi ppreservata l-kompetittività, is-settur tat-trasport marittimu Ewropew irid jipparteċipa fl-isforzi tal-Unjoni biex tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u tikseb in-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050, f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi. Għal dan l-għan, hija tal-fehma li l-Istati Membri għandhom jużaw is-Sistema tal-Unjoni għall-Iskambju ta' Informazzjoni Marittima (SafeSeaNet) u s-servizzi li stabbiliet id-Direttiva 2002/59/KE<sup>1</sup> u tipproponi li ċ-ċertifikati elettroniċi jsiru obligatorji għall-Istati Membri kollha diġà wara tliet snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

Sabiex tittejjeb is-sikurezza u jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi, ir-rapporteur hija konvinta wkoll li l-programmi ta' taħriġ li l-EMSA tipprovdi lill-awtoritajiet tal-Istat tal-bandiera għandhom jiffavorixxu approċċ aktar armonizzat u għandhom jitkomplew, jissaħħu u jiġu estenzi biex ikopru aspetti relatati mal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu f'aktar dettall. L-EMSA għandha tiffaċilita l-koordinazzjoni, kif ukoll skambju ta' informazzjoni u ta' Prattiki tajba bejn l-awtoritajiet tal-Istat tal-bandiera f'dan ir-rigward. Ir-Rapporteur tixtieq tara li l-ispezzjonijiet ikopru l-kundizzjonijiet tax-xogħol, is-sikurezza u l-prestazzjoni ambjentali tal-vapuri kollha li jtajru l-bandiera tal-Istati Membri u għalhekk, jinkludu data preċiża dwar is-siġhat tax-xogħol u tal-mistrieħ tal-ekwipaġġ. L-Istati tal-bandiera għandhom jirrevedu l-linji gwida pprovduti lill-ispetturi tagħhom u lil dawk awtorizzati li jaġixxu f'isimhom biex jinkludu l-verifika sistematika tal-preċiżjoni ta' dawn ir-reġistri.

Ir-rapporteur hija tal-fehma li biex jiġu eliminati Prattiki mhux mixtieqa bħall-bdil tal-bandiera tal-bastimenti u l-użu ta' reġistri miftuħa, għandu jkun hemm "rabta ġenwina" bejn is-sid attwali ta' bastiment u l-bandiera li jtajjar il-bastiment, f'konformità mal-Konvenzjoni tan-

---

<sup>1</sup> Id-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/75/KEE.

Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni tal-UNCLOS tal-1958 u l-Artikolu 91(1) tal-Konvenzjoni tan-NU tal-1982 dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS). Għaldaqstant, sidien il-vapuri għandhom ikunu obbligati jħallsu l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali taħt il-bandiera li jkunu qed itajru sakemm l-impjegati ma jħallsuhomx skont il-liġi tal-Istat li fih jirrisjedu.

Fl-aħħar nett, il-proposta tal-Kummissjoni tistabbilixxi grupp ta' esperti dwar ir-rekwiżiti tal-Istat tal-bandiera biex jipprovdi pjattaforma għall-iskambju tal-aħjar prattiki u sabiex jiġi żviluppat approċċ konġunt għall-ispezzjonijiet tal-Istat tal-bandiera u format komuni ta' rapportar. Filwaqt li r-rapporteur taqbel ma' din l-idea u temmen li l-bini adegwat tal-kapaċità u l-kompetenzi għandu jinżamm u jiġi promoss, tqis li s-soluzzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet żviluppati mill-grupp ta' esperti m'għandhomx jippenalizzaw l-amministrazzjonijiet bi prestazzjoni tajba.



**ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI  
LI R-RAPPORTEUR IRĊEVJET KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

Ir-rapporteur tiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tagħha, li ma rċeviet l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

29.11.2023

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SAJD

għall-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/21/KE dwar il-konformità mar-rekwiżiti tal-Istat tal-bandiera (COM(2023)272 – C9-0188/2023 – 2023/0172(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Ana Miranda

### ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-proposta attwali tiffirma parti minn pakkett usa' ta' miżuri li għandhom l-għan li jtejbu s-sikurezza marittima. Filwaqt li elementi oħra tal-pakkett jinvolvu bidliet speċifiċi għas-settur tas-sajd, huwa daqstant ieħor evidenti li d-Direttiva dwar l-Istat tal-bandiera hija ta' importanza vitali għall-komunitajiet tas-sajd; il-bnadar ta' konvenjenza, pereżempju, jikkawżaw problemi kbar għal dak li għandu x'jaqsam ma' sikurezza, kundizzjonijiet tax-xogħol, traċċabbiltà tal-prodotti tas-sajd u kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni.

Il-pakkett tal-2009 dwar is-sikurezza marittima kien fil-biċċa l-kbira reazzjoni għal sensiela ta' diżastri tal-baħar, li wieħed mill-akbar fosthom kien id-diżastru tal-Prestige 'l barra mill-kosta tal-Galicia fl-2002. Dan id-diżastru kien, fin-natura tiegħu, bla preċedent u kellu effett devastanti fuq il-ħajja tal-baħar, l-għasafar u l-ambjent usa'. Dan, konsegwentement, kellu impatt qawwi fuq dawk kollha involuti fis-sajd, b'mod partikolari dawk involuti fis-sajd qrib il-kosta u fis-sajd artiġjanali u fis-settur tal-frott tal-baħar bil-qoxra.

Id-diżastru enfasizza wkoll nuqqasijiet kbar fir-rispons tal-gvern Spanjol – li ġew enfasizzati fir-risoluzzjoni tal-Parlament wara li seħħ id-diżastru<sup>1</sup> – kif ukoll id-disparitajiet fis-sikurezza marittima madwar l-UE. Il-Parlament, dak iż-żmien, qajjem tħassib serju rigward il-bnadar ta' konvenjenza u d-Direttiva tal-2009 dwar ir-rekwiżiti tal-Istat tal-bandiera għenet xi ftit biex tirrimedja dan.

Il-Kummissjoni tqis li d-Direttiva tal-2009 b'mod ġenerali għet trasposta tajjeb mill-Istati Membri u ħolqot kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni aktar ekwivalenti fis-settur tat-tbaħħir. Madankollu, ma baqgħetx kompletament aġġornata mal-iżviluppi fil-livell tal-OMI u għad hemm inkonsistenzi fir-rigward tal-ispezzjonijiet u tal-monitoraġġ.

Il-proposta tal-Kummissjoni għalhekk għandha l-għan li taġġorna d-Direttiva biex tikkonforma b'mod aktar sħiħ mal-istandards tal-OMI, tarmonizza l-ispezzjonijiet u l-monitoraġġ, tippromwovi soluzzjonijiet diġitali u ttejjeb il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet

---

<sup>1</sup> P5\_TA(2004)0350

tal-Istati Membri. Il-proposta għandha wkoll l-għan li ttejjeb it-taħriġ b'rabta mal-Istat tal-bandiera.

Ir-rapporteur tappoġġja bis-sħiħ l-għan tal-Kummissjoni li jiġi aġġornat r-reġim leġislattiv attwali u jiġi żgurat li jibqa' allinjat bis-sħiħ mal-istandards internazzjonali. Hija tilqa' wkoll l-azzjonijiet biex it-teknoloġiji diġitali jitħaddnu b'mod aktar sħiħ.

Bl-istess mod, madankollu, hija tenfasizza rizzoluzzjonijiet reċenti fejn il-Parlament Ewropew kompli jesprimi tħassib fir-rigward tal-kwistjoni tal-bdil tal-bandiera u l-bnadar ta' konvenjenza.<sup>2</sup> Din tibqa' kwistjoni ewlenija għall-ambjent u, minn perspettiva tas-sajd, għal dawk li l-għajxien tagħhom jiddependi fuq dak l-ambjent. Dawn il-fehmiet huma riflessi fis-soċjetà ċivika usa', pereżempju fil-Galicia, fejn il-pjattaforma Nunca Más qed tkompli bil-kampanja, wara li seħħ id-diżastru tal-Prestige, biex it-tbajhir kollu fl-ilmijiet tal-UE jikkonforma mal-istandards tal-OMI.

L-Ewropa fiha wħud mill-aktar kanali tat-tbajhir internazzjonali traffikużi fid-dinja u l-kwistjoni tal-vapuri li jużaw bnadar ta' konvenjenza li jgħaddu minn żoni marittimi sensittivi bħall-kuritur ta' Fistera tibqa' attwali.

Il-ħtiġijiet ivarjaw bejn l-ilmijiet li huma differenti ħafna minn xulxin, bħall-Baltiku, il-Mediterran u l-kosta tal-Atlantiku. Madankollu, dawn iż-żoni kollha jappoġġjaw komunitajiet li jiddependu fuq ambjent marittimu nadif – u kollha jiddependu fuq reġim ta' sikurezza marittima li jiffunzjona tajjeb. Il-proposta attwali għandha tiffirma parti mill-isforzi kontinwi biex tittejjeb il-ħidma tal-UE fil-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar vitali tagħna – kif ukoll tal-ekonomija, tas-sigurtà tal-ikel u tal-komunitajiet dipendenti fuq is-sajd, l-akkwakultura u l-frott tal-baħar bil-qoxra.

Fl-aħħar nett, ir-rapporteur jiddispijaċiha dwar il-proċedura mqassra li kellu jiffaċċja l-Kumitat għas-Sajd. Il-Kumitat kellu jingħata sorveljanza sħiħa fuq skala ta' żmien raġonevoli għal pakkett ta' tali importanza għall-industrija tas-sajd.

## EMENDI

Il-Kumitat għas-Sajd jistieden lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni dan li ġej:

### Emenda 1

#### Proposta għal direttiva

#### Premessa 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

(1) Is-sikurezza ***tat-tbajhir*** tal-Unjoni u taċ-ċittadini li jużawh u ***l-protezzjoni*** tal-

*Emenda*

(1) Is-sikurezza ***tas-settur marittimu*** tal-Unjoni, ***tal-bajhara*** u taċ-ċittadini li jużawh, ***flimkien mal-benesseri tal-***

<sup>2</sup> Pereżempju, ir-rizzoluzzjoni P9\_TA(2022)0356 u fl-ewwel qari tal-proposta FuelEU Maritime.

ambjent jenħtieġ li jkunu żgurati f'kull ħin.

***passiġġieri u tal-membri tal-ekwipaġġ kif ukoll il-protezzjoni tal-ambjent jenħtieġ li jkunu żgurati f'kull ħin. Jenħtieġ ukoll li f'kull ħin wieħed iżomm f'moħħu li għadd kbir ta' impjegi u komunitajiet kostali jiddependu fuq dik il-protezzjoni tal-ambjent.***

## **Emenda 2**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Premessa 1a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(1a) Il-benesseri tal-ħaddiema fl-industrija marittima, l-iżgurar ta' kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u protezzjoni adegwata għall-baħħara jenħtieġ li jiġu ggarantiti.***

#### *Ġustifikazzjoni*

*Din id-Direttiva għustament tenfasizza s-sikurezza tat-tbaħħir tal-Unjoni u l-protezzjoni ambjentali. Madankollu, tista' tibbenefika minn rikonoxximent aktar espliċitu tal-importanza ta' kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u l-benesseri tal-baħħara, li huma aspetti kritiċi tal-operazzjonijiet marittimi.*

## **Emenda 3**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Premessa 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(2) Skont id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-1982 (UNCLOS) u l-Konvenzjonijiet li għalihom l-OMI hija depożitarja, l-Istati li huma partijiet ta' dawk l-istrumenti huma responsabbli għall-promulgazzjoni ta' liġijiet u regolamenti u għat-teħid tal-passi l-oħrajn kollha li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex dawn l-istrumenti jingħatalhom effett sħiħ u komplut biex jiġi żgurat li, fir-rigward tas-

(2) Skont id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-1982 (UNCLOS) u l-Konvenzjonijiet li għalihom l-OMI hija depożitarja, l-Istati li huma partijiet ta' dawk l-istrumenti huma responsabbli għall-promulgazzjoni ta' liġijiet u regolamenti u għat-teħid tal-passi l-oħrajn kollha li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex dawn l-istrumenti jingħatalhom effett sħiħ u komplut biex jiġi żgurat li, fir-rigward tas-

sikurezza tal-ħajja fuq il-baħar u l-ħarsien tal-ambjent tal-baħar, vapur ikun adattat għas-servizz li għalih ikun maħsub.

sikurezza tal-ħajja fuq il-baħar u l-ħarsien tal-ambjent tal-baħar **u ta' dawk li l-għajxien tagħhom jiddependi minn dak l-ambjent**, vapur ikun adattat għas-servizz li għalih ikun maħsub.

#### Emenda 4

##### Proposta għal direttiva Premessa 2a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(2a) Sitwazzjonijiet mhux sikuri fuq il-baħar jistgħu jwasslu għal aċċidenti u diżastri marittimi, li jista' jkollhom impatt bla preċedent fuq ekosistemi (vulnerabbli) tal-baħar. L-ibħra u l-oċeani għandhom rwol kruċjali biex jirregolaw il-klima tad-dinja u huma bir enormi tal-karbonju, u għalhekk huwa essenzjali li dawn l-ekosistemi jiġu protetti.**

#### Emenda 5

##### Proposta għal direttiva Premessa 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(5) Fil-livell internazzjonali, il-funzjoni tal-investigazzjoni tal-aċċidenti marittimi hija parti mir-responsabbiltajiet tal-Istat tal-bandiera, filwaqt li fil-livell tal-Unjoni din issir indipendenti u regolata mid-Direttiva 2009/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>29</sup>. Jenħtieġ li din id-Direttiva ma taffettwax id-Direttiva 2009/18/KE.

(5) Fil-livell internazzjonali, il-funzjoni tal-investigazzjoni tal-aċċidenti marittimi hija parti mir-responsabbiltajiet tal-Istat tal-bandiera; **fejn huwa ta' importanza kbira li jiġi żgurat li l-investigazzjonijiet tal-aċċidenti jipprijoritizzaw ir-responsabbiltà u t-tagħlim biex jiġu evitati aċċidenti futuri**; filwaqt li fil-livell tal-Unjoni din issir indipendenti u regolata mid-Direttiva 2009/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>29</sup>. Jenħtieġ li din id-Direttiva ma taffettwax id-Direttiva 2009/18/KE.

---

<sup>29</sup> Id-Direttiva 2009/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April

---

<sup>29</sup> Id-Direttiva 2009/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April

2009 li tistabbilixxi l-prinċipji fundamentali li jirregolaw l-investigazzjoni ta' aċċidenti fis-settur tat-trasport marittimu u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 1999/35/KE u d-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 114)

2009 li tistabbilixxi l-prinċipji fundamentali li jirregolaw l-investigazzjoni ta' aċċidenti fis-settur tat-trasport marittimu u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 1999/35/KE u d-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 114)

### *Ġustifikazzjoni*

*Id-Direttiva żżomm l-indipendenza tal-investigazzjonijiet tal-aċċidenti marittimi, li hija essenzjali. Madankollu, għandha tenfasizza wkoll is-sinifikat ta' rapportar, trasparenza u responsabbiltà bir-reqqa f'dawn l-investigazzjonijiet biex jiġi żgurati li l-lezzjonijiet jittieħdu u jiġu applikati biex jiġu evitati aċċidenti futuri.*

## **Emenda 6**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Premessa 7**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(7) L-amministrazzjonijiet marittimi tal-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jibbażaw fuq riżorsi adegwati, inkluża l-kapaċità teknika tat-teħid ta' deċiżjonijiet, għall-implimentazzjoni tal-obbligi tagħhom ta' Stat tal-bandiera, b'mod proporzjonat mad-daqs u t-tip tal-flotta tagħhom u abbażi tar-rekwiżiti rilevanti tal-OMI. Sabiex tittejjeb il-prestazzjoni kwalitattiva ġenerali tal-vapuri li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru huwa meħtieġ ukoll li jiġi armonizzat il-monitoraġġ strett u bir-reqqa, inkluż l-iżvilupp ta' regoli u r-rieżami tad-disinn, tal-organizzazzjonijiet rikonoxxuti li jwettqu dmirijiet tal-Istat tal-bandiera f'isem l-Istati Membri.

#### *Emenda*

(7) L-amministrazzjonijiet marittimi tal-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jibbażaw fuq riżorsi adegwati, inkluża l-kapaċità teknika tat-teħid ta' deċiżjonijiet, għall-implimentazzjoni tal-obbligi tagħhom ta' Stat tal-bandiera, b'mod proporzjonat mad-daqs u t-tip tal-flotta tagħhom u abbażi tar-rekwiżiti rilevanti tal-OMI. ***Jenħtieġ li tingħata attenzjoni sħiħa lill-amministrazzjonijiet taħt il-livell ta' Stat Membru li għandhom kompetenzi fis-settur tas-sajd, f'konformità mal-ordni legali ta' kull Stat Membru.*** Sabiex tittejjeb il-prestazzjoni kwalitattiva ġenerali tal-vapuri li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru huwa meħtieġ ukoll li jiġi armonizzat il-monitoraġġ strett u bir-reqqa, inkluż l-iżvilupp ta' regoli u r-rieżami tad-disinn, tal-organizzazzjonijiet rikonoxxuti li jwettqu dmirijiet tal-Istat tal-bandiera f'isem l-Istati Membri.

## **Emenda 7**

**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 8**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(8) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti kriterji u miri ta' spezzjoni minimi relatati ma' daww ir-riżorsi abbażi tal-esperjenza prattika tal-Istati Membri, inkluż l-użu ta' spetturi mhux esklussivi, permezz ta' miżuri ta' implimentazzjoni.

*Emenda*

(8) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti kriterji u miri ta' spezzjoni minimi relatati ma' daww ir-riżorsi abbażi tal-esperjenza prattika **u ta' osservazzjoni** tal-Istati Membri, inkluż l-użu ta' spetturi mhux esklussivi, permezz ta' miżuri ta' implimentazzjoni.

*Ġustifikazzjoni*

*Filwaqt li l-esperjenza teoretika tista' ma tkunx l-aktar utli għall-ispezzjonijiet, l-esperjenza ta' osservazzjoni tista' tkun ta' benefiċċju sinifikanti għall-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-aħjar xenarju possibbli bbażat fuq il-modus operandi f'pajjiżi oħra billi tipprovdi għarfien prattiku, opportunitajiet ta' taġlim, u pedament għal teħid ta' deċiżjonijiet infurmat.*

**Emenda 8**

**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 9**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(9) Jenħtieġ li t-twertiq, wara l-kwalifika, ta' skema armonizzata għall-bini tal-kapaċità **mis-surveyors** u **mill-ispetturi** tal-Istat tal-bandiera jiżgura kundizzjonijiet ekwi bejn l-amministrazzjonijiet marittimi u jikkontribwixxi għall-prestazzjoni kwalitattiva tal-vapuri li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru.

*Emenda*

(9) Jenħtieġ li t-twertiq, wara l-kwalifika, ta' skema armonizzata għall-bini tal-kapaċità **għas-surveyors** u **għall-ispetturi** tal-Istat tal-bandiera jiżgura kundizzjonijiet ekwi bejn l-amministrazzjonijiet marittimi u jikkontribwixxi għall-prestazzjoni kwalitattiva tal-vapuri li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru. **Jenħtieġ li jiġu żgurati taħriġ kontinwu u żvilupp professjonali għall-baħħara sabiex jibqgħu aġġornati mal-istandards ambjentali u tas-sikurezza li qed jevolvu.**

*Ġustifikazzjoni*

*Il-programm tal-bini tal-kapaċità għas-surveyors u għall-ispetturi tal-Istat tal-bandiera huwa pass pożittiv. Biex dan jissaħħaħ, l-iżvilupp professjonali kontinwu u l-opportunitajiet ta' taħriġ jistgħu jiġu enfazzjati biex jiġi żgurat li dawn il-professjonisti jibqgħu mġhamra tajjeb biex jadattaw għall-istandards ambjentali u tas-sikurezza li qed jevolvu.*

## Emenda 9

### Proposta għal direttiva Premessa 11

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(11) L-istabbiliment u l-iżvilupp ta' bażi tad-data li tipprovdi informazzjoni essenzjali, f'format elettroniku dwar vapuri li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru, jenħtieġ li jikkontribwixxu għal skambju msaħħaħ ta' informazzjoni, ikomplu jtejbu ***t-trasparenza tal-prestazzjoni*** ta' flotta ta' ***kwalità għolja*** u jippermettu monitoraġġ imtejjeb tal-obbligi tal-Istat tal-bandiera biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi bejn l-amministrazzjonijiet marittimi.

#### *Emenda*

(11) L-istabbiliment u l-iżvilupp ta' bażi tad-data li tipprovdi informazzjoni essenzjali, f'format elettroniku dwar vapuri li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru, jenħtieġ li jikkontribwixxu għal skambju msaħħaħ ta' informazzjoni, ikomplu jtejbu ***l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-pagi*** ta' flotta ***biex jippromwovu prattiki ta' xogħol ġusti*** u jippermettu monitoraġġ imtejjeb tal-obbligi tal-Istat tal-bandiera biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi bejn l-amministrazzjonijiet marittimi.

## Emenda 10

### Proposta għal direttiva Premessa 12a (ġdida)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

***(12a) It-trasparenza fl-operazzjonijiet marittimi jenħtieġ li tiġi żgurata flimkien mar-responsabbiltà tas-sidien tal-bastimenti għal kwalunkwe ksur tar-regolamenti dwar is-sikurezza jew ambjentali.***

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-iżgurar tal-aċċess għall-informazzjoni għall-awtoritajiet rilevanti huwa kruċjali għall-finijiet ta' monitoraġġ. Barra minn hekk, jistgħu jsiru dispożizzjonijiet biex jiġu protetti l-informaturi li jirrapportaw ksur tas-sikurezza jew ambjentali, li jikkontribwixxu għal kultura ta' trasparenza u responsabbiltà.*

## Emenda 11

### Proposta għal direttiva Premessa 12b (ġdida)



**(12b) L-awtoritajiet rilevanti jenħtieġ li jistabilixxu mekkaniżmi għall-informaturi biex jirrapportaw ksur tas-sikurezza u ambjentali mingħajr biża' ta' ritaljazzjoni.**

*Ġustifikazzjoni*

*Id-Direttiva għandha ttiprovdi wkoll mekkaniżmi ċari għall-ħaddiema biex jirrapportaw tħassib dwar is-sikurezza u l-ambjent, filwaqt li trawwem approċċ proattiv għas-sikurezza.*

**Emenda 12**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 17**

(17) Sabiex jiġu diskussi kwistjonijiet tal-Istat tal-bandiera, inklużi kwistjonijiet tekniċi, u jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' għarfien espert u informazzjoni, jenħtieġ li jiġi stabbilit grupp ta' livell għoli dwar kwistjonijiet tal-Istat tal-bandiera li jikkonsisti mill-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri, mill-esperti tal-Istat tal-bandiera **u mill-ispetturi**, kif ukoll, **kif** xieraq, mill-esperti mis-settur privat.

(17) Sabiex jiġu diskussi kwistjonijiet tal-Istat tal-bandiera, inklużi kwistjonijiet tekniċi, u jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' għarfien espert u informazzjoni, jenħtieġ li jiġi stabbilit grupp ta' livell għoli dwar kwistjonijiet tal-Istat tal-bandiera li jikkonsisti mill-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri, mill-esperti **u mill-ispetturi** tal-Istat tal-bandiera, kif ukoll, **meta** xieraq, mill-esperti mis-settur privat **u mir-rappreżentanti tal-ħaddiema marittimi.**

*Ġustifikazzjoni*

*L-istabbiliment ta' grupp ta' livell għoli għall-kwistjonijiet tal-Istat tal-bandiera huwa żvilupp pożittiv. Madankollu, dan jista' jissaħħaħ billi tiġi inkluża r-rappreżentanza mill-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom biex jiġi żgurat approċċ olistiku għall-governanza marittima.*

**Emenda 13**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 18**

(18) Jenħtieġ li tiġi stabbilita għodda elettronika ta' rapportar għall-finijiet tat-titjib ulterjuri tal-ġbir konsistenti tal-istatistika rilevanti u tad-data marittima u tal-informazzjoni mill-Istati Membri.

(18) Jenħtieġ li tiġi stabbilita għodda elettronika ta' rapportar għall-finijiet tat-titjib ulterjuri tal-ġbir konsistenti tal-istatistika rilevanti u tad-data marittima u tal-informazzjoni mill-Istati Membri ***filwaqt li jitqiesu l-obbligi ta' rapportar diġà eżistenti f'atti oħra tal-Unjoni bħar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.***

## Emenda 14

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 4 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Qabel ma vapur li jkun ingħata d-dritt li jtajjar il-bandiera tiegħu jingħata l-permess li jopera, l-Istat Membru kkonċernat għandu jiżgura li l-vapur inkwistjoni jikkonforma mar-regoli u r-regolamenti internazzjonali applikabbli. B'mod partikolari, għandu jivverifika r-rekords tas-sikurezza tal-vapur billi juża r-rapporti u ċ-ċertifikati ta' spezzjoni li jinsabu fil-bażi tad-data msemmija fl-Artikolu 6a. Huwa għandu, jekk ikun neċessarju, jikkonsulta mal-Istat tal-bandiera ***li jkun qed jitlef sabiex jistabilixxi jekk kwalunkwe nuqqas pendenti jew kwistjoni ta' sikurezza identifikati minn dan tal-aħħar għadhom mhux solvuti.***

#### *Emenda*

1. Qabel ma vapur li jkun ingħata d-dritt li jtajjar il-bandiera tiegħu jingħata l-permess li jopera, l-Istat Membru kkonċernat għandu jiżgura li l-vapur inkwistjoni jikkonforma mar-regoli u r-regolamenti internazzjonali applikabbli, ***b'mod partikolari fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-baħħara u l-ħarsien tal-ambjent.*** B'mod partikolari, għandu jivverifika r-rekords tas-sikurezza tal-vapur billi juża r-rapporti u ċ-ċertifikati ta' spezzjoni li jinsabu fil-bażi tad-data msemmija fl-Artikolu 6a. Huwa għandu, jekk ikun neċessarju, jikkonsulta mal-Istat tal-bandiera ***biex jindirizza kwalunkwe nuqqas pendenti jew kwistjoni ta' sikurezza. Din il-kollaborazzjoni għandu jkollha l-għan li tiżgura li kwalunkwe nuqqas pendenti jew tħassib dwar is-sikurezza jiġu solvuti kompletament qabel jopera l-vapur.***

## Emenda 15

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 4a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) il-projbizzjoni mit-tbaħħir ta' vapuri sakemm dawn il-vapuri ma jkunux jistgħu isalpaw f'konformità mar-regoli u l-istandards internazzjonali;

*Emenda*

(a) il-projbizzjoni mit-tbaħħir ta' vapuri sakemm dawn il-vapuri ma jkunux jistgħu isalpaw f'konformità mar-regoli u l-istandards internazzjonali; ***inkluż it-twettiq ta' eżerċizzji regolari tas-sikurezza u eżerċizzji oħra biex tiġi żgurata l-prontezza tal-ekwipaġġ għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza, u l-infurzar tar-regolamenti dwar is-siġhat ta' mistrieħ tal-ekwipaġġ għall-prevenzjoni ta' aċċidenti relatati mal-għeja;***

**Emenda 16**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**  
Direttiva 2009/21/KE  
Artikolu 4a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) L-iżgurar li l-vapuri intitolati li jtajru l-bandiera tagħhom ikunu ġew ikkontrollati f'konformità mal-linji gwida għall-istħarriġ skont is-Sistema Armonizzata tal-Perizji u ċ-Ċertifikazzjoni (HSSC); ***u,***

*Emenda*

(b) l-iżgurar li l-vapuri intitolati li jtajru l-bandiera tagħhom ikunu ġew ikkontrollati f'konformità mal-linji gwida għall-istħarriġ skont is-Sistema Armonizzata tal-Perizji u ċ-Ċertifikazzjoni (HSSC). ***Dan jinkludi t-twettiq ta' awditi ambjentali biex tiġi vvalutata l-konformità mar-regolamenti relatati mal-emissjonijiet, il-ġestjoni tal-ilma tas-saborra, u tħassib ambjentali ieħor, li jmur lil hinn mill-ispezzjonijiet standard tas-sikurezza;***

**Emenda 17**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**  
Direttiva 2009/21/KE  
Artikolu 4a

*Test propost mill-Kummissjoni*

***(ba) il-promozzjoni ta' kultura ta' sikurezza abbord billi jitħeġġeġ ir-rapportar ta' kważi aċċidenti u***

*kundizzjonijiet mhux sikuri, kif ukoll it-titjib kontinwu tal-prattiki tas-sikurezza;*

## Emenda 18

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**  
Direttiva 2009/21/KE  
Artikolu 4a

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(bb) il-kollaborazzjoni ma' Stati tal-bandiera u korpi internazzjonali oħra biex jitwettqu spezzjonijiet konġunti, tiġi kondiviżja l-informazzjoni, u jiġu armonizzati l-isforzi ta' infurzar biex jiġi żgurat l-infurzar effettiv tar-regoli u l-istandards internazzjonali;*

## Emenda 19

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**  
Direttiva 2009/21/KE  
Artikolu 4a

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(c) it-twettiq ta' spezzjonijiet supplimentari tal-Istat tal-bandiera ta' vapuri biex jiġi vverifikat li l-kundizzjoni attwali tal-vapur *hija* konformi maċ-ċertifikati li għandu.

(c) it-twettiq ta' spezzjonijiet supplimentari tal-Istat tal-bandiera ta' vapuri biex jiġi vverifikat li l-kundizzjoni attwali *u l-kundizzjonijiet tax-xogħol* tal-vapur *huma* konformi maċ-ċertifikati li għandu. *Dawn l-ispezzjonijiet għandhom jinkludu wkoll it-taħriġ u l-benesseri tal-ekwipaġġ, filwaqt li jiżguraw li l-membri tal-ekwipaġġ jirċievu taħriġ xieraq fi proċeduri ta' sikurezza u ambjentali, u li d-drittijiet u l-benesseri tagħhom ikunu protetti f'konformità mal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu, 2006 (MLC 2006);*

## Emenda 20

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**  
Direttiva 2009/21/KE  
Artikolu 4a

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ca) l-użu ta' teknoloġija ta' monitoraġġ avvanzata, bħat-traċċar bis-satellita u sensuri remoti, biex jiġu intraċċati l-attivitajiet ta' vapur u l-konformità mar-regolamenti f'ħin reali;*

## **Emenda 21**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**  
Direttiva 2009/21/KE  
Artikolu 4a

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(cb) l-obbligu li l-vapuri jissottomettu rapporti regolari dwar is-sikurezza u l-konformità ambjentali u jagħmlu dawn ir-rapporti aċċessibbli għall-awtoritajiet rilevanti għar-rieżami, u b'hekk jissaħħu r-rapportar u t-trasparenza.*

## **Emenda 22**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5**  
Direttiva 2009/21/KE  
Artikolu 6

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ga) informazzjoni relatata mal-prestazzjoni ambjentali tal-vapur, bħal data dwar l-emissjonijiet (eż. emissjonijiet ta' gassijiet serra, emissjonijiet ta' ossidu tal-kubrit) u data dwar il-ġestjoni tal-ilma tas-saborra u ta' sustanzi oħra li potenzjalment iniġġsu;*

## **Emenda 23**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5**

Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 6

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(gb) dettalji dwar l-ekwipaġġ tal-vapur, inklużi l-kwalifiki, iċ-ċertifikazzjonijiet, u s-siġġat ta' mistrieħ tagħhom, biex tiġi żgurata l-konformità mar-regolamenti tax-xogħol u tas-sikurezza;*

## **Emenda 24**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5**

Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 6

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(gc) ir-rapportar ta' kwalunkwe aċċident, inċident, jew kważi aċċident, flimkien mal-azzjonijiet meħuda biex dawn jiġu indirizzati, li jikkontribwixxu għal kultura proattiva tas-sikurezza;*

## **Emenda 25**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5**

Direttiva 2009/21/KE

Artikolu 6

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(gd) informazzjoni dwar it-tip, il-kwantità, u l-immaniġġjar tal-merkanzija, speċjalment għall-vapuri li jgħorru materjali perikolużi jew oġġetti perikolużi, biex tiġi vvalutata l-konformità mar-regolamenti tat-trasport u tas-sikurezza;*

## **Emenda 26**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5**  
Direttiva 2009/21/KE  
Artikolu 6

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ge) id-data relatata mas-sistema tal-  
ġestjoni tas-sikurezza tal-vapur, inklużi r-  
rekords tal-laqgħat tas-sikurezza, il-  
valutazzjonijiet tal-perikli, u l-azzjonijiet  
korrettivi meħuda;*

## **Emenda 27**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5**  
Direttiva 2009/21/KE  
Artikolu 6

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(gf) data dwar miżuri ta' sigurtà u  
konformità ma' kodiċijiet u  
konvenzjonijiet internazzjonali ta' sigurtà  
marittima, partikolarment rilevanti fl-  
ambjent konxju mis-sigurtà tal-lum;*

## **Emenda 28**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5**  
Direttiva 2009/21/KE  
Artikolu 6

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(gg) informazzjoni dwar aġġornamenti  
teknoloġiċi, manutenzjoni tat-tagħmir, u  
modifiki relatati mas-sikurezza magħmula  
lill-vapur;*

## **Emenda 29**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5**  
Direttiva 2009/21/KE  
Artikolu 6

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(għ) ir-rekords relatati mal-benesseri u l-kundizzjonijiet tal-għajxien tal-baħħara, inklużi r-rekords tal-ilmenti jew tat-tħassib tal-ekwipaġġ;**

### **Emenda 30**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5**  
Direttiva 2009/21/KE  
Artikolu 6

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(gi) il-kapaċità tal-Istati Membri li jivverifikaw l-awtentità u l-validità taċ-ċertifikati u d-dokumentazzjoni ppreżentati mill-vapur, li jgħinu fil-ġlieda kontra l-frodi u jiżguraw il-konformità;**

### **Emenda 31**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5**  
Direttiva 2009/21/KE  
Artikolu 6

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(gj) ir-rapportar dwar il-prattiki tas-sostenibbiltà, bħall-konsum tal-fjuwil, il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika, u l-isforzi għat-tnaqqis tal-impatt ambjentali, l-allinjament mal-għanijiet ta' sostenibbiltà globali.**

### **Emenda 32**

**Proposta għal direttiva**



**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10**  
Direttiva 2009/21/KE  
Artikolu 9a

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ja) li jiżviluppa rakkomandazzjonijiet u linji gwida għall-ispezzjonijiet u l-proċeduri tal-Istat tal-bandiera li jagħtu prijorità lill-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema u s-sikurezza tal-vapuri, inkluż l-involviment tar-rappreżentanti tal-ħaddiema fl-ispezzjonijiet tas-sikurezza;**

### **Emenda 33**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10**  
Direttiva 2009/21/KE  
Artikolu 9a

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(jb) li jipprovdi rakkomandazzjonijiet għall-ispezzjonijiet u l-proċeduri tal-Istat tal-bandiera li jenfasizzaw il-konformità ambjentali, filwaqt li jiġi żgurat li l-vapuri jkun qad jaderixxu mar-regolamenti u l-linji gwida ambjentali internazzjonali;**

### **Emenda 34**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10**  
Direttiva 2009/21/KE  
Artikolu 9a

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(jc) li jassisti fl-iżvilupp ta' miżuri għall-promozzjoni tar-responsabbiltà soċjali u l-konformità mal-istandards tax-xogħol fuq il-vapuri, inkluż il-monitoraġġ u r-rapportar dwar il-benesseri tal-ekwipaġġ, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, u l-aderenza mal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu, 2006 (MLC, 2006);**

## Emenda 35

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10**  
Direttiva 2009/21/KE  
Artikolu 9a

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(jd) li jinkoraġġixxi lill-Istati tal-bandiera jinvolve ruħhom mal-komunitajiet lokali fil-portijiet tal-waqfa biex jindirizzaw kwalunkwe tħassib soċjali jew ambjentali relatat mal-operazzjonijiet tal-vapuri, filwaqt li jiġu promossi relazzjonijiet pożittivi u prattiki marittimi responsabbli;*

## Emenda 36

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10**  
Direttiva 2009/21/KE  
Artikolu 9a

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(je) li jagħti pariri dwar l-integrazzjoni ta' teknoloġiji ġodda, bħal għodod ta' rapportar diġitali u apparati tal-IoT, biex tissaħħaħ l-effettività tal-ispezzjonijiet u s-sorveljanza tal-Istat tal-bandiera, filwaqt li jitqiesu wkoll l-aspetti tal-privatezza tad-data u taċ-ċibersigurtà;*

## Emenda 37

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10**  
Direttiva 2009/21/KE  
Artikolu 9a

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(jf) li jistabbilixxi mekkaniżmi għar-*

*riżoluzzjoni tal-kunflitti u s-soluzzjoni tat-tilwim relatati mal-ispezzjonijiet u l-proċeduri tal-Istat tal-bandiera, filwaqt li jiġu żgurati proċessi ġusti u trasparenti.*

### **Emenda 38**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10**  
Direttiva 2009/21/KE  
Artikolu 9b

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(iva) l-investimenti f'teknoloġiji ekoloġiċi u ambjentalment sostenibbli, bħall-użu ta' fjuwils aktar nodfa jew tagħmir għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, biex jintwerew l-isforzi lejn it-tnaqqis tal-impronta ambjentali tal-flotta bil-bandiera;*

### **Emenda 39**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10**  
Direttiva 2009/21/KE  
Artikolu 9b

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ivb) l-inizjattivi u l-miżuri meħuda biex jipromwovu kultura ta' sikurezza abbord il-vapuri, inklużi programmi ta' taħriġ, eżerċizzji ta' sikurezza, u kampanji ta' sensibilizzazzjoni fost il-membri tal-ekwipaġġ dwar il-prattiki tas-sikurezza;*

### **Emenda 40**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10**  
Direttiva 2009/21/KE  
Artikolu 9b

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ivc) kwalunkwe inċident, aċċident, jew ksur relatat mar-reqwiziti tas-sikurezza u tal-prevenzjoni tat-tniġġis, flimkien mal-azzjonijiet meħuda biex dawn jiġu indirizzati, filwaqt li jiġu promossi t-trasparenza u r-responsabbiltà;*

**Emenda 41**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10**  
Direttiva 2009/21/KE  
Artikolu 9b

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ivd) il-kollaborazzjoni ma' Stati Membri oħra u korpi internazzjonali biex jittejbu s-sikurezza u l-prevenzjoni tat-tniġġis, inklużi l-ispezzjonijiet konġunti, il-kondiviżjoni tal-informazzjoni, u l-parteċipazzjoni f'inizjattivi internazzjonali biex jittejbu s-sikurezza marittima u l-protezzjoni ambjentali;*



## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

<b>Titolu</b>	Emenda tad-Direttiva 2009/21/KE dwar il-konformità mar-rekwiżiti tal-Istat tal-bandiera
<b>Referenzi</b>	COM(2023)0272 – C9-0188/2023 – 2023/0172(COD)
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	TRAN 10.7.2023
<b>Opinjoni(jiet) mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	PECH 10.7.2023
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Ana Miranda 5.9.2023
<b>Eżami fil-kumitat</b>	9.10.2023
<b>Data tal-adozzjoni</b>	29.11.2023
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 20 –: 3 0: 1
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Clara Aguilera, João Albuquerque, Pietro Bartolo, Izaskun Bilbao Barandica, Isabel Carvalhais, Maria da Graça Carvalho, Asger Christensen, Rosa D'Amato, Francisco Guerreiro, Anja Ħaġa, Niclas Herbst, Ladislav Ilčić, France Jamet, Predrag Fred Matić, Francisco José Millán Mon, Ana Miranda, João Pimenta Lopes, Caroline Roose, Bert-Jan Ruissen, Marc Tarabella, Theodoros Zagorakis
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Gabriel Mato
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Erik Poulsen, Anne Sander

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>20</b>	<b>+</b>
PPE	Maria da Graça Carvalho, Anja Ħaġa, Niclas Herbst, Gabriel Mato, Francisco José Millán Mon, Anne Sander, Theodoros Zagorakis
Renew	Izaskun Bilbao Barandica, Asger Christensen, Erik Poulsen
S&D	Clara Aguilera, João Albuquerque, Pietro Bartolo, Isabel Carvalhais, Predrag Fred Matić
The Left	João Pimenta Lopes
Verts/ALE	Rosa D'Amato, Francisco Guerreiro, Ana Miranda, Caroline Roose

<b>3</b>	<b>-</b>
ECR	Ladislav Ilčić, Bert-Jan Ruissen
ID	France Jamet

<b>1</b>	<b>0</b>
NI	Marc Tarabella

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

<b>Titolu</b>	Emenda tad-Direttiva 2009/21/KE dwar il-konformità mar-rekwiżiti tal-Istat tal-bandiera	
<b>Referenzi</b>	COM(2023)0272 – C9-0188/2023 – 2023/0172(COD)	
<b>Data meta ġiet ippreżentata lill-PE</b>	1.6.2023	
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	TRAN 10.7.2023	
<b>Kumitati mitluba jagħtu opinjoni</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 10.7.2023	PECH 10.7.2023
<b>Opinjoni(jiet) mhux mogħtija</b> Data tad-deċiżjoni	BUDG 28.6.2023	
<b>Rapporteurs</b> Data tal-ħatra	Vera Tax 13.7.2023	
<b>Eżami fil-kumitat</b>	9.10.2023	
<b>Data tal-adozzjoni</b>	7.12.2023	
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 34	–: 0
	0: 5	
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	José Ramón Bauzá Díaz, Izaskun Bilbao Barandica, Karolin Braunsberger-Reinhold, Marco Campomenosi, Jakop G. Dalunde, Karima Delli, Mario Furore, Isabel García Muñoz, Bogusław Liberadzki, Peter Lundgren, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Tilly Metz, Cláudia Monteiro de Aguiar, Caroline Nagtegaal, Tomasz Piotr Poreba, Bergur Løkke Rasmussen, Dominique Riquet, Thomas Rudner, Vera Tax, Barbara Thaler, István Ujhelyi, Achille Variati, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Lucia Vuolo, Kosma Złotowski	
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Tom Berendsen, Sara Cerdas, Maria Grapini, Ondřej Kovařík, Ljudmila Novak, Dorien Rookmaker, Kathleen Van Brempt	
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Pascal Arimont, Andreas Glück, Erik Marquardt, Andżelika Anna Możdżanowska, Wolfram Pirchner, Nicolae Ștefănuță, Eugen Tomac	
<b>Data tat-tressiq</b>	8.12.2023	



**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

<b>34</b>	<b>+</b>
ID	Marco Campomenosi
NI	Mario Furore
PPE	Pascal Arimont, Tom Berendsen, Karolin Braunsberger-Reinhold, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Cláudia Monteiro de Aguiar, Ljudmila Novak, Wolfram Pirchner, Barbara Thaler, Eugen Tomac, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Lucia Vuolo
Renew	José Ramón Bauzá Díaz, Izaskun Bilbao Barandica, Andreas Glück, Ondřej Kovařík, Caroline Nagtegaal, Bergur Løkke Rasmussen, Dominique Riquet
S&D	Sara Cerdas, Isabel García Muñoz, Maria Grapini, Bogusław Liberadzki, Thomas Rudner, Vera Tax, István Ujhelyi, Kathleen Van Brempt, Achille Variati
Verts/ALE	Jakop G. Dalunde, Karima Delli, Erik Marquardt, Tilly Metz, Nicolae Ștefănuță

<b>0</b>	<b>-</b>

<b>5</b>	<b>0</b>
ECR	Peter Lundgren, Andżelika Anna Możdżanowska, Tomasz Piotr Poręba, Dorien Rookmaker, Kosma Złotowski

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni